**Minuti tas-Sittax-il (16) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 20 ta' April 2009 fis-06.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sna Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsilier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| | |
| Is-Sna Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi- Sindku |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħmistax (15) -il Laqgħa tal-Kunsill** Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 15

Il-Minuti tal-Ħmistax (15)-il Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija.

Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa, il-Minuti tal-Ħmistax (15)-il Laqgħa ġew approvati u ffirmati.

2.00 **Punti Mqajma (Laqgħa 15)**

2.01 Il-laqgħa mar-residenti saret. Is-Sindku qalet li waqt l-istess laqgħa l-Birdlife qalu li din l-art għalkemm għadha ma ġietx devoluta lilhom, huma għandhom f'idejhom il-ħarsien ta' din iż-żona. Jidher li r-residenti m'humiex favur l-iżvilupp fejn se jiżdiedu l-bankijiet u l-imwejjed tal-kjosk eżistenti. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li mhux kuntent bil-*Birdlife*; dawn iridu jiżviluppaw l-art fejn jikkampjaw l-iskawts biex dawn ma jikkampjawx iżjed hemm. Simar

Il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Artijiet li l-*Birdlife* ma tawx kas din l-art u issa hemm tfal ta' familji ta' l-akkwata li jridu post fejn uliedhom jirrikjrejaw ruħhom u għaldaqstant għandha tiġi devoluta lill-Kunsill. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Alfred Grima. Il-proposta għaddiet Nem Con.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li kif inhi bil-*fencing* ma titgawdiex. Bl-iżvilupp propost se tiżdied il-*marshland* u ma jkunx hemm post għall-iskawts. Wieħed għandu jara jekk il-*Birdlife* għandhomx titlu.

| | | |
|---|---|---|
| | Il-Kunsillier Alfred Grima qal li meta kien ressaq talba għal playground b'differenza, ma ntlaqgħetx għax kienet żona skedata.<br><br>Sar qbil li noġġezzjonaw għall-iżvilupp u nitolbu għad-devoluzzjoni tal-arti biex nilħqu l-bżonnijiet tar-residenti. | |
| 2.02 | Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Heritage Malta* lesti li joffru l-ftuħ tas-sit bi prezz ridott. Ġie deċiż li s-Sindku tinnegozja mal-istess Ħeritage Malta biex din il-kappella tinfetaħ bla ħlas għar-residenti. | San Pawl Milqi |
| 2.03 | Il-petizzjoni tar-residenti intbagħtet lill-MEPA flimkien mal-oġġezzjoni tal-Kunsill. | Triq Ġdida fi Triq Annetto Caruana |
| 2.04 | It-tellieqa ma saritx għax il-permess tal-pulizija ma ħarigx. | Tiġrija bil-ponijiet |
| 2.05 | Ir-risposta għall-proposta tal-Kunsill ma ntlaqgħetx mill-*Astronomical Society* peress li s-sit propost mhux adekwat. Ġie deċiż li l-attivita' ssir kif talbu huma f'*Kennedy Grove*. | Attivita mill-Astronomal Society of Malta |
| 2.06 | Il-laqgħa mal-kumitat konġunt saret. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li ma setax jattendi minħabba li kien avżat tard. Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li kienu ċċarati xi punti. Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li s-Sur Anthony Borg Caruana huwa espert fil-liġi imma ma ħareġ xejn konkret mil-laqgħa. Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa meta se jiskadi l-kuntratt eżistenti. Ir-risposta kienet li se jiskadi f'Jannar. Il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li qabel ma tinħareġ din l-offerta għandha tiġi diskussa mill-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Peter Abela qal li ma kienx avżat peress li bidel in-numru tal-*mobile* li ntbagħtlu l-sms fuqu u kien ħaseb li l-laqgħa kienet mal-Kunsillier Martin Zerafa biss u baqa' barra jistenna matul il-laqgħa. Madankollu inġibditlu l-attenzjoni li l-minuti preċedenti kkonfermaw li kull kunsillier kien mistieden.<br><br>Il-Kunsillier Raymond Tabone staqsa għaliex il-problema tal-pjazza qatt ma ġiet ittrattata. | Kumitat Konġunt Tramuntana |
| 2.07 | Il-Kap tal-iskola ġiet avżata u se tagħżel il-kotba mil-lista mibgħuta | Kotba għal-librerija ta' l-iskola primarja |
| 2.08 | Il-kuntrattur eżistenti kkonferma li lest li jestendi l-kuntratt eżistenti sakemm hemm bżonn bla edba tibdil. Jekk ikun hemm xi żieda fil-prezz biex jarmu l-iskart il-kuntrattur għandu jinforma lill-Kunsill biex isir negozjar fil-prezz. Il-Kunsill approva. | Ġbir ta' skart domestiku |
| 2.09 | L-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta nfurmat lill-Kunsill li t-talba għal dawn il-pelican lights hi kklassifakata fin-numru għaxra fil-lista tax-xogħolijiet li se jsiru. | Pelican Light fejn *Sammy's Bar* |
| 2.10 | Il-Kunsill qabel li l-bord se jkun iffurmat mis-Sindku Graziella Galea, u mill-Kunsilliera Mario Camilleri, u Jason Camilleri. | Bord tat-Traffic Calmers |
| 2.11 | L-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta talbet ritratt: dan intbagħtilha. | Triq is-Simar |
| 2.12 | Il-Kunsillier Raymond Tabone talab kopja tal-ittra mibgħutha lill-Kummissarju tal-Pulizija. | Kopja ta' ittra |
| 2.13 | Il-Kunsillier Mario Camilleri talab kopja tal-*email* lill-pulizija dwar il-Fuego. | Fuego |
| 2.14 | Għal din l-iskema ntalab programm ta' attivitajiet fuq diversi dixxiplini sportivi. | Skema Sportiva |
| **3.00** | **Korrispondenza u Komunikazzjonijiet** | |
| 3.01 | **Ref: 55/00318/09/I:** L-istabbiliment *Quanderos* fi Triq it-Turisti applika mal-Awtrotita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jagħmel estensjoni ta' bankina sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet. Ġie deċiż li jekk f'Kunsilli preċedenti din l-estensjoni kienet approvata, il-Kunsill m'għandux isib oġġezzjoni u għaldaqstant każijiet simili m'għandhomx jitilgħu bħala korrispondenza fil-futur. | Estensjoni ta' Imwejjed u Siġġijiet - Quanderos |

3.02 **Ref: 55/2022/09/I:** Il-Kunsill approva li ssir trinka fi Triq San Pawl fl-akkwata tal-Każin tal-Banda sabiex fiha jitpoġġew il-wajers tal-elettriku sabiex jitneħħew mill-faċċata għall-prezz bejn wieħed u ieħor ta' madwar €3 000 mingħajr VAT. Abbażi li din titqies bħala diskriminiazzjoni bejn każin u ieħor il-Kunsillier Alfred Grima ma qabilx. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li se jinħoloq preċedent. Ittieħed vot li ġie hekk: Tneħħija ta' wajer tal-elettriku

Favur Sindku Graziella Galea, Kunsilliera Peter Abela, Alex Bezzina, Mario Camilleri, Martin Zerafa

Astensjoni: Hadd

Kontra:Il-Kunsilliera Jason Camilleri, Alfred Grima, Raymond Tabone.

Il-proposta għaddiet.

3.03 **Ref: 55/1967/I**: Ir-restawr tlesta u ġie jiswa €733.39 b'varjazzjoni minima ta' €30. L-istqarrija għall-istampa se ssir fl-10 ta' Mejju 2009 fl-10am fejn is-sit. Għajn Rażul

3.04 **Ref: 55/2019/09/I:** Il-Kunsill approva talba ta' resident sabiex issir *żebra crossing* fejn il-Kappella tal-Karmnu fi Triq San Pawl. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Kunsillier Alfred Grima li hemm approvazzjoni tal-Awtorita ta' Malta Dwar it-Trasport (ADT), suġġett li ssir bankina. Il-Kunsill talab li niċċekkjaw dwar dan mal-ADT. Zebra Crossing Triq San Pawl

3.05 **Ref: 55/1601/09/I**: L-Enemalta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma se jgħaddu lill-Kunsill is-somma ta' €2 499 mingħajr VAT u €13 931.56 rispettivament sabiex il-Kunsill jiksi t-trinek fejn għamlu x-xogħol dawn il-korporazzjonijiet fi Triq il-Qalb ta' Marija. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill joħroġ id-differenza tal-ispiża ta' madwar €15 000 mingħajr VAT sabiex issir it-triq kollha, liema spiża tammonta għal madwar €35 000. Issekonda dil-proposta l-Kunsillier Peter Abela. Il-proposta għaddiet Nem Con. Toroq tal-Wardija

3.06 **Ref: 55/2005/09/I**: Iċ-Ċentru Laburista San Pawl il-Baħar ressaq proposta sabiex isir bdil ta' links fuq il-*webiste* tagħhom ma' dik tal-Kunsill. Dan is-suġġett għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra. Bdil ta' links fuq il-website

3.07 **Ref: 55/2006/09/I**: Il-Kunsill approva li żewġ kotba *St Paul's Bay - A Guide* jingħataw lil studenti promettenti li jiġu mil-lokal waqt Jum il-Premjazzjoni tal-Kulleġġ San Nikola, Mtarfa. Għoti ta' Kotba

3.08 **Ref: 55//09/I**: Il-Kunsill approva li żewġ kotba *St Paul's Bay - A Guide* jingħataw lil studenti promettenti li jiġu mil-lokal waqt Jum il-Premjazzjoni tal-Kulleġġ Santa Klara, Pembroke. Għoti ta' Kotba

3.09 **Ref: 55/1831/09/I:** Il-*Venus Bar & Restaurant* talab li minflok *barriers*, jitpoġġew *bollards*. Il-proposta trid tiġi mgħoddija lill-bord u għandha ssir kjarifika jekk proposta tressqitx mill-Venus fis-7 ta' Diċembru 2007 qabel it-talba tal-*Bobby's Tattoo*. Il-Kunsill għandu jiċċekkja dwar dan. Venus Bar

3.10 **Ref: 55/2246/09/I:** Il-Kunsill ma laqax it-talba tal-Fondazzjoni Oasi sabiex jisponsorja parti mill-attivita Nazzjonali ta' żagħżugħ/a tas-Sena 2009. Fondazzjoni Oasi

3.11 **Ref: 55/2046/09/I:** Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jipparteċipa fl-Iskema "Aċċessibilita' għal Kulħadd" maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fejn il-Kunsillier Alfred Grima ntalab jagħmel rapport dwar ħtieġa ta' modifikar fil-latrini pubbliċi filwaqt li l-Kunsillier Mario Camilleri ntalab jagħmel rapport dwar ħtieġa ta' modifikar ta' ġonna pubbliċi u l-akkwata. Is-Sindku se tieħu ħsieb l-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Skema Aċċessibilita

3.12 **Ref: 55/1869/09/I:** Il-Kunsill approva li ssir attivita f'Ta' Fra Ben fid-9 ta' Awissu bil-kundizzjoni li jkunu konformi mal-permessi meħtieġa. — Out of Box Event

3.13 **Ref: 55/1786/09/I:** Il-Kunsill ma sabx oġġeżżjoni sabiex issir il-*McDonalds Olympic Day Fun Run* il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2009 fit-8am fejn stiednu lill-Kunsill sabiex iħeġġu lit-tfal tal-lokal sabiex jipparteċipaw. — McDonalds Olympic Mcdonalds Day Fun Run 2009

3.15 **Ref: 55/1762/09/I:** Is-Sindku ppreżentat stedina lill-Kunsill sabiex jipparteċipa f'konferenza dwar *Zooming on Sustainability*. Il-Kunsillier Raymond Tabone talab kopja tal-email. Jekk xi kunsillier ikun interessat jipparteċipa mitlub javża lill-Kunsill. — Konferenza: *Zooming on Sustainablity*

3.16 **Ref: 55/1783/09/I:** Hekk kif intalab mill-awditur, il-Kunsill approva li l-*artwork* tal-formola sabiex il-permessi tal-krejnijiet isiru bi tlett kopji għal aktar sigurta', ikunu nnumerati u bil-ħin u data indikata. Jekk possibbli, għandu jiġi pprintjat l-Avviż Legali (AL) fuq wara tal-ewwel kopja li tingħata lill-applikant. Jekk ma jkunx possibbli, għandha titwaħħal kopja tal-Avviż Legali fuq in-*notice board*. — Artwork tal-formoli tal-permessi maħruġa mill-Kunsill

3.17 **Ref: 55/1780/09/I:** Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa bl-istess kundizzjonijiet, għall-provvista ta' garaxx fil-lokalita sabiex iservi ta' *workshop* għall-ħaddiema tat-taqsima tax-xogħolijiet pubbliċi li jagħmlu xoghol ta' manutenzjoni f'San Pawl il-Baħar. — Garaxx ta' Burmarrad

Il-Kunsillier Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li wasal iż-żmien li l-Kunsil jaħseb għal binja li għandha sservi ta' uffiċċji amministrattivi, ċentru ta' matul il-jum u garaxx

**4.00 Ħlasijiet ta' Pagamenti**

4.01 Ir-rendikont ta' dħul mill-4 ta' Marzu 2009 sal-aħħar ta' Marzu 2009 ammonta għal €40 309.53. — Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

4.02 Ir-rendikont ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2009 ammonta għal €33 988.99. — Rendikont ta' Pagamenti

Ġie propost li jiżdied il-kont tal-kera taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għat-tlett xhur li jibdew mill-1 ta' April 2009 sat-30 ta' Ġunju 2009 li jammonta għal €4 550.

Il-Kunsill approva din l-iskeda hekk kif emendata.

**5.00 Estimi Finanzjarji Jannar '09 sa Marzu '09**

Il-Kunsill sospenda l-laqgħa sakem l-*accountant* spjegat l-estima finanzjarji Jannar '09 sa Marzu '09.

Wara li ġew spjegati u l-laqgħa tikompliet, l-Estimi Finanzjarji ġew approvati hekk kif ippreżentati. Il-Kunsill talab kopja tal-istima tal-bandli abbinat mal-proġett ta' Thalasselejn.

Il-Kunsillier Raymond Tabone rtira mill-kamra.

**6.00 Laqgħa Annwali tal-Lokalita**

Ġie ppreżentat ir-rapport tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita fejn il-kunsilliera ġew mitluba jissottomettu l-kummenti u/jew suġġerimenti tagħhom.

Ġie deċiż li din il-laqgħa għandha ssir fil-31 ta' Mejju 2009 fis-sala tal-Kappillan, Qawra jew fil-Lukanda Dolmen.

**7.00 Riforma tat-Trasport Pubbliku**

Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet it-tieni seminar u ngħatat cd bir-riforma proposta fejn il-Kunsill ġie mitlub għal darb'oħra jissottometti l-proposti. Fl-istess laqgħa ssemma' li wara l-ewwel laqgħa li għaliha attenda l-kunsillier inkarigat kellhom jintbagħtu l-proposti : pero il-Kunsill ma ġiex infurmat b'dan.

Is-Sindku ressqet proposta biex ikun hemm rotta interna ġewwa r-raħal biex taqdi lil dawk li jgħixu hawn minħabba li ma hemmx rotta oħra ħlief il-59 li taqdi lir-residenti biex imorru min-naha għall-oħra tal-lokal.

Il-kunsilliera qalu li ma fehmux il-proposta u għaldaqstant ipproponew li ssir laqgħa filgħaxija mal-Awtorita ta' Malta Dwar it-Trasport. Tressqu proposti biex tgħaddi rotta mill-qalba tal-Qawra via Triq il-Pijunieri għal Triq it-Turisti. Peress li r-rottot taċ-Ċirkewwa jaslu mimlija, għandu jkun hemm trasport li jibda mix-Xemxija biex jaqdi lill-passiġġieri tax-Xemxija tul Triq San Pawl. Ir-residenti tal-Qawra għandu jkollhom servizz adekwat għall-isptar Mater Dei. Il-Kunsill approva

**8.00 Żona Pedonali**

Wara li saret diskussjoni fuq is-suġġett, il-Kunsillier Alfred Grima qal li jekk jgħaddu tal-linja, ma jaqbilx li tiġi mplimentata. Il-Kunsillier Mario Camilleri issekondah.

Ġie deċiż li niktbu lill-ADT sabiex naraw xi proposti għandhom dwar minfejn tgħaddi tal-linja.

**9.00 Aġġornamenti**

**Kunsillier Alfred Grima**

9.01 Ippropona li l-Kunsill għandu jikkunsidra rotot oħra sabiex jekk isiru aktar żoni pedonali, n-nies ikunu jistgħu jivjaġġaw minn post għal ieħor.

**Kunsillier Martin Zerafa**

| | | |
|---|---|---|
| 9.02 | Ippropona li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Wardija in konnessjoni mal-ittra li l-istess assoċjazzjoni bagħtet lill-Kunsill. | Laqgħa mal-Assoċjazzjoni Residenti Wardija |
| 9.03 | l-Kunsill jipprepara proġett għal skema ta' attivitajiet li se tiġi mnehdija dalwaqt. | Proġett |
| 9.04 | Issir *żebra crossing* fejn il-kappella tal-Qawra. Is-Sindku nfurmat li diġa hemm applikazzjoni għaliha. | Żebra Crossing fil-Qawra |
| 9.05 | Issir manutenzjoni lill-bankini ta' matul il-promenade | Manutenzjoni matuli l-banikini tal-promenade |
| 9.06 | l-Kunsill jieħu azzjoni dwar bankina li sfrundat fi Triq in-Nawċiera | Ħsara lil bankina fi Triq in-Nawċiera |
| 9.07 | ssir manutenzjoni lil-*litterbins* ta' matul il-promenade. Din issir regolari mill-haddiem tal-*public works*. | *Bins* matul il-Promenade |
| 9.08 | nistaqsu lix-Schigo għaliex it-telefowns ma jaħdmux. | Telefowns tax-Schigo |

Il-Kunsill approva.

**Kunsillier Jason Camilleri**

Ipprona li

9.09 jissewwew d-dawl taż-żebra crossing ta' Triq il-Pijunieri — Dawl taż-*Zebra Crossing* Triq il-Pijunieri

9.10 jissewwa sprall fejn il-bus shelter tal-Wardija — Bus Shelter Wardija

9.11 titressaq talba sabiex jinxtegħel id-dawl fejn il-klabb tal-futbol ta' Burmarrad bejn il-bandli u l-*yard*. Għandha titressaq talba lill-Enemalta. — Dawl ħdejn il-klabb tal-futbol f'Burmarrad

Il-Kunsill approva.

**Kunsillier Peter Abela**

Ippropona li

9.12 Nibgħatu *default notice* lill-kuntrattur għaliex bexx bil-*weed killer* matul it-toroq tal-Wardija u ninfurmawh li m'għandux jirrepeti. — Bexx ta' ħaxix fil-Wardija

9.13 Tinħareġ *works order* għas-sinjali tat-toroq fil-Wardija — Sinjali ta' toroq fil-Wardija

9.14 titressaq talba lill-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) sabiex iż-*żebra crossing* fi Triq Ġulju tersaq 'il quddiem — *Zebra Crossing* fi Triq Ġulju

9.15 Niċċekkjaw dwar min qata' l-bankina quddiem St Paul's Court. — Bankina quddiem *St Paul's Court*

9.16 isiru linji sofor doppji fi Triq Ġulju mal-kantuniera fejn inbnew il-flats — Linji Sofor Doppji fi Triq Ġulju

9.17 Titranġa l-bankina fi Triq ix-Xitwa — Tranġar ta' Bankina Triq ix-Xitwa

9.18 Tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq it-Tafal peress li qed jarmu l-imbarazz fit-triq. — Imbarazz fi Triq it-Tafal

9.19 isiru l-linji tal-parkeġġi fi Triq il-Luzzu inkluż il-pjazza. — Parkeġġi fi Triq il-Luzzu

Il-Kunsill approva.

9.20 Il-Kunsillier Martin Zerafa rrefera għal Triq il-Luzzu u rrimarka li din it-triq ma tistax tagħlaqha għar-residenti.

9.21 Jitpoġġew xi tip ta' pjanti matul il-promenade kif ukoll *rope lights* wara. Għandom jinġabru stimi. — Pjanti u Dawl matul il-Promenade

**Kunsillier Raymond Bartolo**

ippropona li

9.21 tintbgħat reminder lill-ADT dwar ħofra li hemm fi Triq Burmarrad qrib l-iScotts — Reminder dwar ħofra

9.22 HSBC dwar il-bords — Bords tal-HSBC

Ippropona li

9.23 jitneħħew il-U-Bends ta' ħdejn is-Solid Gold peress li msadda — U-Bend

9.24 tintbagħat proposta tal-attivita ta' Burmarrad meta toħroġ sejħa għall-fondi allokati għal dan it-tip ta' attivita. Attivita ta' Burmarrad

9.25 Il-Kunsill jikkordina t-twaħħil tat-toqob tal-arbli tal-festa liema xogħol kellu jsir mill-ħaddiema tat-taqsima tax-xogħolijiet. Is-Sindku nfurmat li kellu jsir kuntatt mat-Taqsima tax-Xogħolijiet Pubbliċi biex naraw x-xogħol li hemm bżonn u l-istima nvoluta. Il-Kunsill qabel. Toqob tal-arbli tal-Festa

9.26 Informa lill-Kunsill li persuna f'Burmarrad ġabret petizzjoni għaliex, skont din il-persuna, il-Kunsill m'approvax li tinfetaħ spiżerija f'dawn l-inħawi. Il-Kunsill ikkonferma li ma weriex dan il-ħsieb u talab lill-Kunsillier Raymond Bartolo jakkwista n-numru tat-telefown ta' din il-persuna u kopja ta' l-ittra. Petizzjoni

9.27 attenda laqgħa tal-MUESAC dwar applikazzjoni għal fondi ta' proġett rurali. MUESAC

9.28 Ippropona li l-Kunsill jgħin finanzjarjament u jħallas il-main tal-elettriku għall-attivita li se tittella' Burmarrad - Festa Bdiewa. Il-Kunsill talab li jiġi ppreżentat budget. Festa Bdiewa

**Kunsillier Mario Camilleri**

Ippropona li

9.29 Tinġibed l-attenzjoni tal-gwardjan lokali li quddiem il-gabbana tax-Xemxija qed ikun hemm parkeġġ illegali Parkeġġ illegali fix-Xemxija

9.30 l-Kunsill jibqa' sejjer bir-railings fejn hemm iż-żewġ fetħiet ta' ħdejn is-Simar. Is-Sindku qalet li għadha se żżur il-post. Railings fejn is-Simar

Il-Kunsill qabel.

9.31 Staqsa dwar f'hiex wasal ir-reklutaġġ ta' skrivan/a. Il-Kunsill ġie nfurmat li sar l-eżami fil-ħiliet bażiċi tal-uffiċċju u fi ftit ġranet se ssir is-selezzjoni għat-tieni intervista. Ġie deċiż li waqt l-intervista niġbdulhom l-attenzjoni li bir-riforma tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill se jibda jiftaħ nhar ta' Sibt. Reklutaġġ ta' Skrivan/a

9.32 Ġibed l-attenzjoni li fi Triq Raddet ir-Roti mhux qed isir knis. Ġie deċiż li ssir laqgħa bejn il-kuntrattur u l-Kunsill. Knis fi Triq Raddet ir-Roti

**Sindku Graziella Galea**

Ipproponiet li

9.33 l-ħarġiet kulturali tax-xahar ta' Mejju isiru għall-Uffiċċju Meterjoloġiku. Inġibdet l-attenzjoni li weħed għandu jippreżenta l-karta ta' l-identita' għal din il-ħarġa, kif ukoll ħarġiet oħra huma dawk fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u oħra fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier flimkien ma' dik ta' l-Imnarja. Il-Kunsill qabel. Ħarġiet Kulturali

*

Il-Kunsillier Jason Camilleri skuża ruħhu u ħareġ mill-kamra.

9.31 Jitpoġġew żewġt iqsari fi Triq il-Mosta peress li dawk li kien hemm inkisru. Qsari fi Triq il-Mosta

9.32 isiru parking bays fi Triq il-Pwales Parking Bays Triq il-Pwales

9.33 Jiġi pprovdut konkos fit-trejqa f'Burmarrad faċċata taċ-ċimiterju sar-residenza. Ir-resident offra li jwitti l-konkos hu. Konkos fi trejqa f'Burmarrad

9.34 Il-Kunsill qabel. Qsari matul il-promenade

**10.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm iżjed x'jiġi diskuss, il-laqgħa ntemmet fis-9.55pm. Data u ħin tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

***Graziella Galea** BE & A (Hons) **A & CE***
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

4 ta' Mejju 2009

ref: 55/3071/09/Orc